

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Dokument ta' sessjoni

FINALI
A6-0105/2006

27.3.2006

RAPPORT

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ta' l-Awtorità Ewropea
għas-Sikurezza ta' l-Ikel għas-sena finanzjarja 2004
(N6-0014/2005 – C6 0171/2005 – 2005/2119(DEC))

Kumitat għall-Kontroll Baġitarju

Rapporteur: Umberto Guidoni

WERREJ

Paġna

PROPOSTA GĦAL DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ta' l-Awtorità Ewropea għas-Sikurezza ta' l-Ikel għas-sena finanzjarja 2004 (N6-0014/2005 – C6-0171/2005 – 2005/2119(DEC))..	3
PROPOSTA GĦAL DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW dwar l-għeluq tal-kotba ta' l-Awtorità Ewropea għas-Sikurezza ta' l-Ikel għas-sena finanzjarja 2004 (N6-0014/2005 – C6-0171/2005 – 2005/2119 (DEC)).....	5
MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW b'kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall- implimentazzjoni tal-baġit ta' l-Awtorità Ewropea għas-Sikurezza ta' l-Ikel għas-sena finanzjarja 2004 (N6-0014/2005 – C6-0171/2005 – 2005/2119(DEC)).....	7
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AMBJENT, IS-SAĦĦA PUBBLIKA U S- SIKUREZZA TA' L-IKEL	11
PROĊEDURA	14

PROPOSTA GĦAL DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ta' l-Awtorità Ewropea għas-Sikurezza ta' l-Ikel għas-sena finanzjarja 2004 (N6-0014/2005 – C6-0171/2005 – 2005/2119(DEC))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali ta' l-Awtorità Ewropea għas-Sikurezza ta' Ikel għas-sena finanzjarja 2004¹,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti ta' l-Awdituri dwar il-kontijiet annwali ta' l-Awtorità Ewropea għas-Sikurezza ta' l-Ikel għas-sena finanzjarja 2004, flimkien mat-tweġibiet ta' l-Awtorità²,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill ta' l-14 ta' Marzu 2006 (5972/2006 - C6- 0093/2006),
- wara li kkunsidra t-Trattat KE, u b'mod partikulari l-Artikolu 276, tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej³, u b'mod partikulari l-Artikolu 185 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jistipula l-prinċipji ġenerali u l-htiegiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea għas Sikurezza ta' l-Ikel u jistipula proċeduri dwar kwistjonijiet tas-sikurezza ta' l-ikel⁴, b'mod partikolari l-Artikolu 44 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej⁵, u b'mod partikulari l-Artikolu 94 tiegħu,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 71 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel (A6-0105/2006),

¹ ĠU C 269, 28.10.2005, p. 21.

² ĠU C 332, 28.12.2005, p. 45.

³ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

⁴ ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1. Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1642/2003 (ĠU L 245, 29.9.2003, p.4).

⁵ ĠU L 357, 31.12.2005, p. 72. Regolament kif emendat bir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1261/2005 (ĠU L 201, 2.8.2005, p.3).

1. Jagħti kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv ta' l-Awtorità Ewropea għas-Sikurezza ta' l-Ikel għall-implimentazzjoni tal-baġit ta' l-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2004;
2. Jistipula l-kummenti tiegħu fir-risoluzzjoni hawn taħt;
3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni u r-risoluzzjoni li hi parti integrali minnha lid-Direttur Eżekuttiv ta' l-Awtorità Ewropea għas-Sikurezza ta' l-Ikel, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti ta' l-Awdituri u biex jipubblikahom fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea (serje L).

PROPOSTA GĦAL DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar l-għeluq tal-kotba ta' l-Awtorità Ewropea għas-Sikurezza ta' l-Ikel għas-sena finanzjarja 2004 (N6-0014/2005 – C6-0171/2005 – 2005/2119 (DEC))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali ta' l-Awtorità Ewropea għas-Sikurezza ta' Ikel għas-sena finanzjarja 2004¹,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti ta' l-Awdituri dwar il-kontijiet annwali ta' l-Awtorità Ewropea għas-Sikurezza ta' l-Ikel għas-sena finanzjarja 2004, flimkien mat-tweġibiet ta' l-Awtorità²,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill ta' l-14 ta' Marzu 2006 (5972/2006 - C6- 0093/2006),
- wara li kkunsidra t-Trattat KE, u b'mod partikulari l-Artikolu 276, tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej³, u b'mod partikulari l-Artikolu 185 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jistipula l-prinċipji ġenerali u r-rekwiżiti tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea għas-Sikurezza ta' l-Ikel u jistipula proċeduri dwar kwistjonijiet tas-Sikurezza ta' l-ikel⁴, u b'mod partikulari l-Artikolu 44 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemminja fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej⁵, u b'mod partikulari l-Artikolu 94 tiegħu,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 71 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel (A6-0105/2006),

¹ ĠU C 269, 28.10.2005, p. 21.

² ĠU C 332, 28.12.2005, p. 45.

³ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

⁴ ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1. Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1642/2003 (ĠU L 245, 29.9.2003, p.4).

⁵ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72. Regolament kif emendat bir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1261/2005 (ĠU L 201, 2.8.2005, p.3).

1. Jinnota l-figuri li ġejjin għall-kontijiet ta' l-Awtorità Ewropea għas-Sikurezza ta' l-Ikel għas-snin finanzjarji 2004 u 2003;

Kont tad-dħul u ta' l-infiq għas-snin finanzjarji 2004 u 2003 (f'EUR 1000)

	2004	2003 0
Dħul mill-operat	20 591	10171
Total tad-dħul mill-operat	20 591	10 171
Spejjeż amministrattivi Spejjeż ta' l-impjegati Spejjeż ta' u konnessi ma' bini Spejjeż oħra	-7 564 -	-3213 -
Deprezzament u kanċellazzjonijiet	4 192 -	781 -
Spejjeż ta' l-operat	1 263 -	536 -
	333 -	204 -
	6431	2159
Total ta' spejjeż mill-operat	- 19 783	-6 894
Total ta' profitt/telf ta' l-operat	808	3 277
Dħul minn operazzjonijiet finanzjarji	0	1
Infiq minn operazzjonijiet finanzjarji	-7	-3
Profitt/(telf) minn operazzjonijiet finanzjarji	-6	-2
Profitt/(telf) kurrenti	802	3 275
Dħul straordinarju	-27	402
Infiq straordinarju		
Profitt/(telf) straordinarju	-27	402
Riżultat ekonomiku għas-sena finanzjarja	775	3 677

(¹) Id-dejta għas-sena finanzjarja 2003 ġiet ippreżentata mill-ġdid biex tkun tista' tikkonforma mal-prinċipju ta' 'accruals-based accounting'. NB: Varjazzjonijiet fit-totali huma minħabba l-effetti tat-tqarrib għall-eqreb figura.

2. Japprova l-għeluq tal-kotba ta' l-Awtorità Ewropea għas-Sikurezza ta' l-Ikel għas-sena finanzjarja 2004;
3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni lid-Direttur Eżekuttiv ta' l-Awtorità Ewropea għas-Sikurezza ta' l-Ikel, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti ta' l-Awdituri u biex jippubblikaha fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea (serje L).

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

b'kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ta' l-Awtorità Ewropea għas-Sikurezza ta' l-Ikel għas-sena finanzjarja 2004 (N6-0014/2005 – C6-0171/2005 – 2005/2119(DEC))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali ta' l-Awtorità Ewropea għas-Sikurezza ta' Ikel għas-sena finanzjarja 2004¹,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti ta' l-Awdituri dwar il-kontijiet annwali ta' l-Awtorità Ewropea għas-Sikurezza ta' l-Ikel għas-sena finanzjarja 2004, flimkien mat-tweġibiet ta' l-Awtorità²,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill ta' l-14 ta' Marzu 2006 (5972/2006 - C6- 0093/2006),
- wara li kkunsidra t-Trattat KE, b'mod partikulari l-Artikolu 276, tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej³, u b'mod partikulari l-Artikolu 185 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jistipula l-prinċipji ġenerali u r-rekwiżiti tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea għas Sikurezza ta' l-Ikel u jistipula proċeduri dwar kwistjonijiet tas-sikurezza ta' l-ikel⁴, u b'mod partikulari l-Artikolu 44 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej⁵, u b'mod partikulari l-Artikolu 94 tiegħu,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 71 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel (A6-0105/2006),

A. billi l-Qorti ta' l-Awdituri stqarret li kisbet assigurazzjoni raġonevoli li l-kontijiet annwali

¹ ĠU C 269, 28.10.2005, p. 21.

² ĠU C 332, 28.12.2005, p. 45.

³ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

⁴ ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1. Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1642/2003 (ĠU L 245, 29.9.2003, p.4).

⁵ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72. Regolament kif emendat bir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1261/2005 (ĠU L 201, 2.8.2005, p.3).

għas-sena finanzjarja li spiċċat fil-31 ta' Diċembru 2004 kienu ta' min joqgħod fuqhom u li, ħlief għal xi irregolaritajiet fir-reklutaġġ ta' l-istaff u fl-għoti tal-kuntratti, it-tranżazzjonijiet bażiċi, meħuda fis-sħuħija tagħhom, kienu legali u regolari,

- B. billi l-Qorti ta' l-Awdituri issostni li hija akkwistat assigurazzjoni raġonevoli mill-aġenziji kollha, minbarra r-riservazzjonijiet espliċiti fir-rigward tas-sena finanzjarja 2004 dwar l-Aġenzija Ewropea għar-Rikostruzzjoni, iċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp tat-Taħriġ Vokazzjonali, il-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ, iċ-Ċentru Ewropew għall-Immonitorjar tar-Razziżmu u l-Ksenofobija u l-Awtorità Ewropea għas-Sikurezza ta' l-Ikel,
1. ifakkar li, skond l-Artikolu 185 tar-Regolament Finanzjarju, il-Parlament jagħti kwittanza għat-twettiq tal-baġit lil organizzazzjonijiet imwaqqfin mill-Komunitajiet, liema organizzazzjonijiet huma ta' karattru etiku u li jibbenefikaw minn għajnuniet mill-baġit; madankollu wieħed għandu josserva li dawn l-organizzazzjonijiet kollha m'humiex totalment, u lanqas parzjalment, iffinanzjati minn sussidji mill-baġit; jenfasizza li għaldaqstant id-deċiżjoni li jagħti kwittanza tapplika, kemm għall-finanzjament ta' dawn l-organizzazzjonijiet mill-baġit, u kemm għall-finanzjament tagħhom minn barra l-baġit; jikkunsidra inaċċettabbli li wħud minn dawn l-organizzazzjonijiet imwaqqfin mill-Unjoni jridu jagħtu rendikont ta' l-użu ta' fondi li ma jkunux mill-baġit, waqt li oħrajn li ma jibbenefikawx minn sussidji mill-baġit, m'humiex obbligati li jagħmlu hekk; jisħaq fuq il-prinċipju li l-aġenziji kollha tal-Komunità, kemm jekk issussidjati u kemm jekk le, għandhom jitressqu quddiem il-Parlament għall-kwittanza tagħhom - anke fil-każijiet fejn tista' tintervjeni awtorità oħra ta' kwittanza bis-saħħa tat-test kostituttiv tagħhom - u minn dan jasal għall-konklużjoni li din hi raġuni għaliex għandhom jiġu riveduti t-testi kostituttivi kollha li jmorru kontra dan il-prinċipju;
 2. Isib ta' valur kbir it-tabella 1 tar-rapport tal-Qorti ta' l-Awdituri, li għet introdotta għall-ewwel darba matul l-eżerċizzju tal-kwittanza ta' l-2003, li tiġbor fil-qosor is-setgħat u r-responsabilitajiet, it-tmexxija, ir-riżorsi, l-attivitajiet u s-servizzi pprovduti mill-Awtorità; jinnota li l-informazzjoni li hemm fit-tabella 1 hija pprovduta mill-Awtorità; jitlob lill-Qorti ta' l-Awdituri biex tivverifika l-kontenut tat-tabella 1;
 3. Jinsisti li l-aġenziji mhux biss għandhom jonfqu l-flus b'mod xieraq, iżda għandhom ukoll jišqu biex jonfqu l-flus bl-iktar mod effiċjenti u effettiv possibbli; jistieden lill-Qorti ta' l-Awdituri biex tikkunsidra l-possibilita li testendi r-rapporti annwali speċifiċi dwar l-aġenziji biex jinkludu analiżi tal-prestazzjoni u tal-kisba ta' l-oġettivi; f'dan il-kuntest u b'konformità mar-riżoluzzjonijiet li jinsabu fil-kwittanza ta' l-2003, jinsisti li jitqiesu l-aspetti li ġejjin: ix-xogħol ripetut bejn l-aġenziji jrid jiġi evitat kemm jista' jkun, u l-miżuri maħsuba biex itejbu t-trasparenza u l-komunikazzjoni mal-pubbliku għandhom jiġu ċċarati, flimkien ma' miżuri Komunitarji għal azzjoni pożittiva fil-livelli kollha ta' reklutaġġ, ta' taħriġ u ta' l-għoti ta' responsabilitajiet;
 4. Jinnota li l-aġenziji Komunitarji mhux dejjem ikollhom reputazzjoni tajba jew rapporti tajbin fl-istampa u li ħafna minnhom ma jistħoqqilhomx din ir-reputazzjoni negattiva; jiġbed l-attenzjoni li ċ-ċittadini ta' l-UE għandhom jiġu mgħarrfa dwar dan bl-użu ta'

metodi xierqa biex jispjegaw kemm-il darba jkun hemm bżonn ir-raġunijiet għalfejn jeżistu dawn l-aġenziji u l-kisbiet tagħhom; jistieden lill-Kummissjoni biex tiegħu azzjoni biex dan iseħħ billi tuża l-metodi li tħoss li huma neċessarji;

5. Jinnota li t-tkabbir ta' l-Unjoni Ewropea fl-2004 affettwa l-istrutturi u l-arranġamenti ta' l-operat ta' l-aġenziji Komunitarji f'ħafna modi, u li bosta mill-aġenziji jiġbdu l-attenzjoni għal dawn l-effetti fir-rapporti ta' ħidma tagħhom, jiffokaw b'mod partikulari fuq iż-żieda fin-numru ta' amministratturi; jistieden lill-Kummissjoni sabiex tevalwa l-problemi, veri jew mistgħajla, li tilitaqa' magħhom u biex tirrakkomanda l-bidliet regolatorji meħtieġa;
6. Jinnota li l-Kummissjoni kkommettiet ruħha li tarmonizza l-mod kif inhuma ppreżentati r-rapporti ta' ħidma dwar id-direttorati-ġenerali tagħha; titlob li jintuża metodu simili fir-rigward tar-rapporti ta' ħidma ta' l-aġenziji tal-Komunità, li jvarjaw b'mod konsiderevoli f'termini ta' kontenut; jistieden lill-Kummissjoni sabiex tindika lill-aġenziji tal-Komunità l-informazzjoni u l-indikaturi ta' ħidma li jridu jipprovdu;
7. Jinnota l-kummenti tal-Qorti ta' l-Awdituri dwar l-anomaliji madwar l-istqarrijiet ta' l-uffiċjali ddelegati għall-awtorizzazzjoni, li fuqhom huma bbażati parzjalment il-fondi ta' approprjazzjonijiet li ma ntefqux; jilqa' l-assikurazzjoni ta' l-Awtorità li s-sistema maħsuba biex tinforma l-uffiċjal tal-kontabilità dwar l-infiq se tkun aktar preċiża u soda;
8. B'diżappunt jinnota li l-Qorti ta' l-Awdituri reġgħet skopriet anomaliji fil-mod ta' kif jiġu applikati r-regoli dwar ir-reklutaġġ ta' l-istaff; iħeġġeġ lill-Awtorità biex tapplika r-regoli dwar il-proċeduri tas-selezzjoni b'aktar trasparenza; jinnota bi pjaċir l-assikurazzjoni ta' l-Awtorità li l-proċeduri tas-selezzjoni u d-deċiżjonijiet tar-reklutaġġ issaħħew sabiex tittejjeb it-trasparenza; iħeġġeġ lill-Awtorità sabiex tkompli bl-isforzi tagħha biex ittejjeb ir-regolarità tal-proċeduri tar-reklutaġġ ta' l-istaff;
9. Huwa mħasseb dwar l-irregolaritajiet osservati mill-Qorti ta' l-Awdituri fil-proċedura ta' għotjiet ta' kuntratti; jilqa' l-miżuri meħuda mill-Awtorità bil-għan li tevita dawn il-problemi fil-futur; iħeġġeġ lill-Awtorità biex ittejjeb bi kwalunkwe mezz meħtieġ it-trasparenza tad-deċiżjonijiet tagħha dwar l-għoti tal-kuntratti sabiex jiġi evitat kull suspett ta' preġudizzju u biex tittejjeb it-trasparenza, kif sostniet il-Qorti ta' l-Awdituri;
10. Jinnota li l-2004 kienet it-tieni sena ta' l-operat għall-Awtorità; ifakkar li, minħabba d-deċiżjoni posposta mill-Kunsill dwar is-siġġu permanenti tiegħu, l-Awtorità kompliet topera f'ċirkustanzi tranżitorji;
11. Jinnota li l-Awtorità ma setgħetx ittemm l-organigramma tagħa l-aktar minħabba t-tħabbira taċ-ċaqliq għal Parma fl-2005; għalhekk, iqis li wieħed għandu jifhem li bi staff inqas ma kienx possibbli li jiġu implimentati l-azzjonijiet kollha tal-baġit ta' l-operat;
12. Jesprimi s-sodisfazzjoni tiegħu għall-implimentazzjoni fis-sħiħ ta' l-appropriazzjonijiet ta' impenn kemm għall-baġit ta' l-operat kif ukoll għal dak amministrattiv;
13. Jinsisti li l-Awtorità għandha taġixxi bi qbil ma' l-Artikolu 14(4) tar-Regolament (KE) Nru 178/2002, b'mod speċjali għal dak li għandu x'jaqsam ma' l-effetti probabbli, fuq

perjodu ta' żmien qasir u fuq perjodu ta' żmien twil, fuq is-saħħa tal-konsumaturi ta' ikel ġdid bħal ma huma l-organiżmi modifikati ġenetikament (GMOs);

14. Jistieden lill-Kummissjoni biex tgħin lill-aġenziji jsegwu mill-iktar qrib possibbli l-pjan tax-xogħol li sar bi qbil għas-sena ta' wara, biex b'hekk l-attivitajiet jistgħu jkunu ppjanati u implimentati b'mod sew, u partikolarment biex jevitaw bidliet maġġuri u ta' l-aħħar minuta fil-volum tax-xogħol;
15. Jitlob lill-Kummissjoni sabiex ittejjeb is-sinerġiji bejn l-aġenziji billi ssaħħaħ l-effettività tal-koperazzjoni, tevita l-irduppar tax-xogħol u tindirizza n-nuqqasijiet, b'mod partikulari fir-rigward ta' oqsma komuni bħat-taħriġ, l-implimentazzjoni tal-politiki tal-Komunità fil-kategoriji kollha, l-użu ta' l-aħħar sistemi ta' mmaniġġjar u s-soluzzjoni ta' problemi relatati ma' l-immaniġġjar tajjeb tal-baġit.

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AMBJENT, IS-SAĦĦA PUBBLIKA U S-SIKUREZZA TA' L-IKEL

għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ta' l-Awtorità Ewropea għas-Sikurezza ta' l-Ikel għas-sena finanzjarja 2004
(N6-0014/2005 - C6-0171/2005 -2005/2119(DEC))

'Rapporteur' għal opinjoni: Jutta D. Haug

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel jistieden lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

1. Jinnota li l-2004 kienet it-tieni sena ta' l-operat għall-Awtorità Ewropeja tas-Sikurezza ta' l-Ikel (EFSA); ifakkar li, minħabba d-deċiżjoni posposta mill-Kunsill dwar is-siġġu permanenti tiegħu, l-Awtorità kompliet topera f'ċirkustanzi tranżitorji;
2. Jinnota li l-EFSA ma setgħetx ittemm il-pjan tagħha ta' twaqqif l-aktar minħabba t-tħabbira taç-ċaqliq għal Parma fl-2005; għalhekk, iqis li wieħed għandu jifhem li bi staff inqas ma kienx possibbli li jiġu implimentati l-azzjonijiet kollha tal-baġit ta' l-operat;
3. Jesprimi s-sodisfazzjoni tiegħu għall-implimentazzjoni b'mod sħiħ ta' l-appropriazzjonijiet ta' impenn kemm għall-baġit ta' l-operat kif ukoll għal dak amministrattiv;
4. Fuq il-bażi tad-dejta disponibbli, huwa ta' l-opinjoni li d-Direttur Eżekuttiv ta' l-Awtorità Ewropea tas-Sikurezza fl-Ikel jista' jingħata kwittanza fir-rigward ta' l-implimentazzjoni tal-baġit ta' l-EFSA għas-sena finanzjarja 2004.

ANNEX

(Mio EUR)

Budget Line	Heading	<u>Total commitment appropriations</u> (initial 2004 budget, supplementary and amendment budgets and transfers, additional appropriations, incl. carry-overs from 2003, reuse of revenue etc.)	Committed	%	<u>Total payment appropriations</u> (initial 2004 budget, supplementary and amendment budgets and transfers, additional appropriations, incl. carry-overs from 2003, reuse of revenue etc.)	Outturn	%
17 04 08 01	EFSA - Subsidy under titles 1 and 2	17.144	17.142	100	17.144	14.603	85.2
17 04 08 02	EFSA - Subsidy under title 3	11.950	11.950	100	10.755	7.963	74.0

PROĊEDURA

Titolu	Il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ta' l-Awtorità Ewropea għas-Sikurezza ta' l-Ikel għas-sena finanzjarja 2004
Numru tal-proċedura	2005/2119(DEC)
Kumitat responsabbli	CONT
Opinjoni minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ENVI 19.1.2006
'Rapporteur' ta' opinjoni Data tal-ħatra	Jutta D. Haug (PSE)21.7.2005
'Rapporteur' ta' opinjoni preċedenti	
Diskussjoni fil-kumitat	24.1.2006
Data ta' l-adozzjoni	22.2.2006
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 46 -: 0 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Adamos Adamou, Georgs Andrejevs, Liam Aylward, Johannes Blokland, John Bowis, Frederika Brepoels, Hiltrud Breyer, Dorette Corbey, Bairbre de Brún, Avril Doyle, Jillian Evans, Anne Ferreira, Karl-Heinz Florenz, Milan Gaľa, Matthias Groote, Françoise Grossetête, Satu Hassi, Gyula Hegyi, Marie Anne Isler Béguin, Caroline Jackson, Christa Klaß, Eija-Riitta Korhola, Holger Krahmer, Urszula Krupa, Marie-Noëlle Lienemann, Marios Matsakis, Péter Olajos, Miroslav Ouzký, Vittorio Prodi, Karin Scheele, Carl Schlyter, Horst Schnellhardt, Richard Seeber, Jonas Sjöstedt, María Sornosa Martínez, Antonios Trakatellis, Evangelia Tzampazi, Thomas Ulmer, Anja Weisgerber, Åsa Westlund, Anders Wijkman
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	María del Pilar Ayuso González, Christofer Fjellner, Jutta D. Haug, Erna Hennicot-Schoepges, Jiří Maštálka, Miroslav Mikolášik
Sostituti(i) (skond l-Artikolu 178(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Miguel Angel Martínez Martínez
Kummenti (disponibbli b'lingwa waħda biss)	

PROĊEDURA

Titolu	Kwittanza għall-2004 – Awtorità Ewropea għas-Sikurezza ta' l-Ikel		
Referenzi	(N6-0014/2005 – C6-0171/2005 – 2005/2119(DEC))		
Bażi legali	Artikolu 276 KE		
Bażi fir-Regoli ta' Proċedura	Artikolu 71 u Anness V		
Publikazzjoni tal-ĠU tal-kontijiet annwali ta' l-aġenzija	ĠU C 269, 28.10.2005		
Publikazzjoni tal-ĠU tar-rapport annwali tal-Qorti ta' l-Awdituri	ĠU C 332, 28.12.2005		
Rakkomandazzjoni tal-Kunsill: Data meta ntbagħtet	5972/2006 - C6-0093/2006 14.3.2006		
Kumitat responsabbli Data ta' referenza	CONT 19.1.2006		
Kumitati mitlubin jagħtu opinjoni Data ta' referenza	ENVI 19.1.2006		
Rapporteur(s) Data tal-ħatra	Umberto Guidoni 20.4.2005		
Diskussjoni fil-kumitat	22.2.2006	21.3.2006	
Data ta' l-adozzjoni	21.3.2006		
Riżultat tal-votazzjoni:			
Proposta għal deċiżjoni dwar il-kwittanza	favur: 17	kontra: 1	astensjonijiet: 0
Proposta għal deċiżjoni dwar l-għeluq tal-kontijiet	favur: 17	kontra: 1	astensjonijiet: 0
Mozzjoni għal riżoluzzjoni bil-kummenti	favur: 18	kontra: 1	astensjonijiet: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Herbert Bösch, Simon Busuttil, Paulo Casaca, Petr Duchoň, James Elles, Szabolcs Fazakas, Markus Ferber, Christofer Fjellner, Ingeborg Gräßle, Umberto Guidoni, Dan Jørgensen, Ona Juknevičienė, Hans-Peter Martin, Edith Mastenbroek, Bart Staes, Margarita Starkevičiūtė, Kyösti Virrankoski, Terence Wynn		
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Ashley Mote, Paul Rübig		
Sostituti skond l-Artikolu 178(2) preżenti għall-votazzjoni finali			
Data tat-tressiq	27.3.2006		
Kummenti (disponibbli b'lingwa waħda biss)			